**5 ta' April, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo *sive* Charles Ellul Sullivan , Andrew Camilleri, Saviour Grech, Michael Galea u Carmelo *sive* Charles Fenech

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Avukat – Patroċinju – Appell – Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali**

*Fir-rikors ta' proċess pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fuq rinviju kostituzzjonali lilha mill-Qorti tal-Maġistrati, l-prosekuzzjoni ssollevat il-kwistjoni li f'dawk il-proċeduri wħud mill-imputati ma setgħux jiġu assistiti mill-avukati tagħhom billi dawn kienu membri tal-Parlament. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet l-oġġezzjoni għall-presenza ta' dawn l-avukati għab-bażi ta' l-artikolu 79 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni* u *Proċedura ċivili inpendata. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti ddeċidiet li l-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq riferenza mill-Qorti tal-Maġistrati kienu ta' natura kostituzzjonali u jagħtu lok għall-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Inoltre kkonkludiet li l-applikazzjoni ta' l-art. 79 fuq imsemmi fil-każ preżenti kien jilledi d-dritt għas-smigħ ġust protett mill-artikolu 39(2).*

Il-Qorti: –

Rat il-provvediment ddatat is-6 ta' Jannar, 1988, mogħti mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta fl-atti tal-kumpilazzjoni: "Il-Pulizija *vs* Carmelo *sive* Charles Ellul Sullivan *et*" li permezz tiegħu l-atti ġew mibgħutin quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tingħata deċiżjoni dwar "il-kwistjoni ssollevata mill-imputati dwar l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-art 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV/1987";

Rat illi in linea preliminari l-Kummissarju tal-Pulizija parti fil-proċeduri in diżamina, irrileva illi l-Avukat Dottor Joseph Brincat LL.D., M.P., u Dr. Joseph M. Buttigieg LL.D., M.P., bħala membri parlamentari, ma jistgħux jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat f'dawn il-proċeduri u għalhekk fid-dawl ta' l-art. 178(1) u 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili din il-Qorti għandha tordna l-korrezzjoni opportuna fl-atti;

Rat ukoll il-verbal antecedenti għan-nota tal-Kummissarju li ġġib id-data tal-25 ta' Marzu, 1988, u ċjoè l-verbal tal-21 ta' Marzu, 1988 li fih, *inter alia* (a fol. 29 tal-proċess) l-imsemmi Avukat Anzjan tar-Repubblika f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija għamel ukoll riferenza għall-art. 79 subinċiżi 2 u 3 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat ukoll id-dikjarazzjoni verbalizzata fl-istess udjenza mill-Avukat Dottor Joseph M. Buttigieg illi l-artikolu ċċitat mhux applikabbli f'din il-kawża billi din mhix kawża magħmulha mill-patroċinat tiegħu kontra l-Gvern imma ġiet mibgħuta mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati biex jiġi nvestigat il-punt dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem kif dehrilha l-ewwel Qorti;

Rat ukoll il-verbal sussegwenti datat it-28 ta' Marzu, 1988 fejn *inter alia* l-Avukat Dottor Joseph Brincat issolleva l-kwistjoni illi l-art. 79 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kkomparat ma' l-art. 85 huwa diskriminatorju minħabba *"status"* bi vjolazzjoni ta' l-art. 14 ta' l-1987, u ċjoè bi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (ara fol. 23);

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' April, 1988 li biha rrespinġiet l-oġġezzjoni ssollevata mill-Avukat tar-Repubbblika Anzjan fir-rigward tal-presenza ta' l-Avukati Dottor Joseph Brincat u Dottor Joseph M. Buttigieg billi din hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ħalliet għalhekk il-kawża għall-kontinwazzjoni u okkorrendo trattazzjoni għas-seduta tat-28 ta' April, 1988 fl-10.30 a.m., u b'dan ukoll li mhux aktar tard mill-25 ta' April, 1988, il-Qorti tiġi fornita bit-traskrizzjoni dattilografata tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati datat 6 ta' Jannar, 1988 u għal dan il-għan ordnat komunika ta' din il-parti tal-provvediment lill-Aġent Reġistratur tal-Qrati u dana kollu wara li kkunsidrat illi fl-ewwel lok u b'riferenza għad-digriet tagħha mogħti fit-28 ta' Marzu, 1988, ġaladarba li l-kwistjoni, estendiet ruħha għal-liġijiet li ġew inkorporati fil-liġi tagħna wara d-dħul ta' l-Att XXVII ta' l-1977 u wara wkoll li semgħet id-difensuri tal-partijiet hija qiegħda tirrevoka għal kull fini *contrario imperio* l-aħħar parti ta' l-istess digriet u tiddikjara li hija tista' tieħu konjizzjoni tal-każ in eżami skond il-liġi;

Illi peress li l-aħħar nota ta' sottomissjonijiet tad-difensuri Avukati Dottor Joseph Buttigieg u Dottor Joseph Brincat tad-29 ta' Marzu, 1988 ġiet iffirmata mill-istess żewġ avukati, ossija ta' lanqas mill-Avukat Brincat; fin-nota responsiva tiegħu, l-Avukat tar-Repubbblika Anzjan Dottor Silvio Camilleri baqa'

jinsisti (ara para A/1 tan-nota tiegħu) li din in-nota kienet "nulla" u talab "l-isfilz immedjat tagħha mhux biss għaliex ma ġietx iffirmata minn persuni li jistgħu jeżerċitaw il-professjoni ta' Avukat f'dawn il-proċeduri iżda wkoll għaliex saret minn persuni li ma humiex parti f'dawn l-istess proċeduri". Illi dwar din l-oġġezzjoni tal-Qorti jidhrilha li billi din timpinġi kompletament fuq il-meritu tal-kwistjoni hija ma tistax tordna ebda sfilz "immedjat" kif invece pretiż mill-abili Avukat tar-Repubblika Anzjan għaliex allura dana in se jkun jimplika li dak li qed isostni hu huwa korrett. Il-mod tal-proċedura korrett minflok għandu jkun li l-ewwel il-Qorti tagħti d-deliberazzjoni tagħha u mbagħad taġixxi a tenur l-istess, okkorrendo billi tordna wkoll l-isfilz mitlub;

Niġu issa għall-pern tal-kwistjoni;

Ma hemmx dubju illi l-proċeduri mibdijin kontra Carmelo *sive* Charles Ellul Sullivan, Andrew Camilleri, Saviour Grech, Michael Galea u Carmelo *sive* Charles Fenech huma ta' natura kriminali. Fil-fatt dawn il-persuni ġew akkużati bi ksur ta' l-at. 18 u 61 (a), (b), (e), (f), (g), (h), (i), (k) u (m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 60 ta' l-Edizzjoni riveduta, tal-Liġijiet ta' Malta u fil-preżent għadhom qegħdin jinstemgħu l-provi tal-Prosekuzzjoni fl-atti tal-Kumpilazzjoni fil-konfront ta' dawn il-persuni hekk akkużati. Illi di fatti l-atti in kwistjoni ġew fil-pendenza tagħhom riferiti lil dina l-Qorti fuq nota ta' l-imsemmija imputati li qegħdin jallegaw illi l-prosekuzzjoni fil-fatt ma resqitx l-istess provi tempestivament u fi żmien raġonevoli "u dan nonostante l-oġġezzjonijiet ripetuti u insistenti tagħhom biex jitressqu l-provi kollha ħalli l-Qorti tkun tista' tgħaddi għall-ġudizzju tagħha skond il-Liġi" – ara nota tad-29 ta' Diċembru, 1987. U peress li ġie allegat ksur ta' l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni

ta' Malta, il-Qorti Istruttorja rreferiet il-punt kostituzzjonali involut quddiem din il-Qorti;

L-ewwel punt ta' diskorija bejn il-Kummissarju tal-Pulizija fuq naħa u l-imputati fuq in-naħa l-oħra hu dwar l-interpretazzjoni ta' l-art. 79(2)(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fid-dawl tal-proċeduri li din il-Qorti għandha quddiemha llum, u ċjoè jekk dan huwiex **kontinwazzjoni** tal-proċeduri kriminali ġà mibdijin quddiem il-Qorti Istruttorja ossija huwa proċediment separata inkwadrat fl-imsemmi u preċitat art. 79;

Wara li l-Qorti għarblet sew dak illi kellhom xi jgħidu in rigward id-difensuri ossija avukati tal-partijiet, hija m'għandha ebda dubju li l-każ kien, għadu u jibqa' wieħed ta' natura kriminali. Il-fatt illi l-punt kostituzzjonali involut jista' potenzjal*ment*, kieku kellu jiġi aċċettat dak li qegħdin isostnu l-imputati, jkollu effett determinanti fuq il-proċeduri kriminali li hemm għaddejjin *tutt'ora di fronte* l-ħames imputati, bl-ebda mod ma jittrasforma n-natura ta' l-istess proċeduri minn waħda ta' natura kriminali għal oħra ta' natura kostituzzjonali *sic et impliciter;*

L-Avukat anzjan tar-Repubbl̇ika sostna li l-proċeduri *quddiem din il-Qorti jsiru quddiem il-Qorti* Ċivili u skond ir-regolament 6 ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964 huma applikabbli għalihom id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Hemm diversi partijiet fl-istess Kodiċi Kriminali tagħna (Kap. 9) fejn hemm riferenza għall-applikabilità tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – hekk, per eżempju l-art. 645 – però b'daqshekk ma jfissirx li l-proċeduri nbidlu fi proċeduri ċivili minn kriminali;

Issa l-art. 79(3) jagħmilha ċara li **esklużi** mill-applikabilità tad-disposizzjoni kontenuta fis-subinċiż 2 **huma dawk il-proċeduri ta' xorta kriminali.** Bħala tali għalhekk dan l-artikolu 79(2) mhux applikabbli għal dawn il-proċeduri;

Issa jingħad inoltre illi fuq kjarifika rikjesta mill-Qorti (ara verbal tat-28 ta' Marzu, 1988 – a fol. 23 tal-proċess), ġie rrilevat illi dawk l-akkużati fil-proċeduri kriminali li huma impjegati tal-Gvern qed jiġu patroċinati mill-Avukat Dottor Giannella Caruana Curran u Dottor Joseph Said Pullicino – jiġifieri Carmelo *sive* Charles Fenech u Michael Galea – u li l-imsemmija żewġ avukati m'humiex membri tal-Parlament. Ma jirriżultax għalhekk illi ż-żewġ difensuri l-oħra, membri parlamentari fuq imsemmija, qegħdin jippatroċinaw lil xi ħadd li huwa uffiċjal pubbliku. Jingħad ukoll li lanqas jirriżulta li saret xi oġġezzjoni simili għal dik imqanqla fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li ta' lanqas imorru lura sas-sena 1984;

Lanqas treġi s-sottomissjoni ta' l-Avukat anzjan tar-Repubblika kontenuta fil-paragrafu 5 (fol. 2 tan-nota tiegħu) li "l-esklużjoni tal-liġi fl-art. iċċitat ma hiex b'riferenza għall-kwalità tal-parti patroċinata mill-membri parlamentari iżda hi b'riferenza għall-kwalità tal-partijiet fil-proċediment". Dan mhux għar-raġuni li tali interpretazzjoni hija skorretta imma minħabba l-fatt illi, kif diġà ngħad *supra,* dan li l-Qorti li għandha quddiemha jibqa' bażikament **proċediment kriminali** li fih però jridu jiġu risolti kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali u li però, ikun x'ikun l-effett u/jew eżitu finali tagħhom, jiqbgħu **inċidentali** għall-proċeduri kontra l-ħames imputati. Dan ukoll a parti konsiderazzjonijiet oħra ta' dritt li fi proċediment kriminali kull akkużat, minkejja t-tgħaqqid ta' l-att ta' akkuża jitqies li qed jgħaddi proċess għalih u indipendentement mill-koakkużati

l-oħrajn;

Minħabba dak illi ssottometta wkoll l-Avukat Joseph Brincat dwar allegat ksur ta' l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja illi jinsab inkorporat ukoll fil-liġi tagħna in forza ta' l-Att XIV ta' l-1987 u dan a bażi ta' *diskriminazzjoni* fir-rigward ta' *"status"*, id-difensuri tal-partijiet issoffermaw irwieħhom ukoll in dettall fuq dina l-kwistjoni. Ġaladarba però l-Qorti diġà esprimiet il-fehma tagħha illi anki a bażi ta' l-art. 79 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija infondata, allura mhux il-każ illi l-Qorti tiddelibera wkoll dwar sottomissjonijiet oħra;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentat fil-25 ta' April, 1988 li bih talab din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-21 ta' April, 1988 fil-kawża fl-ismijiet premessi u *minflok tiddikjara applikabbli l-artikolu 79 tal-Kodiċi* ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u konsegwentement tiddikjara li Dottor Joseph Brincat LL.D., M.P., u Dottor Joseph M. Buttigieg LL.D., M.P., ma jistgħux jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat f'dawn il-proċeduri u tordna l-korrezzjonijiet opportuni fl-atti tal-kawża għat-tenur ta' l-artikoli 178(1) u 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta ta' Saviour Grech ippreżentata fit-3 ta' Mejju, 1988;

Rat ir-risposta ta' Andrew Camilleri ppreżentata fid-19 ta' Mejju, 1988;

Rat l-atti l-oħra rrilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-ewwel kwistjoni li għandha tiġi deċiża mill-Qorti hija jekk il-proċeduri li qegħdin isiru quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala konsegwenza tar-riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta humiex ta' natura kriminali jew le billi ovvjament id-deċiżjoni ta' din il-kwistjoni jkollha effett fuq l-eżitu tal-kwistjoni jekk l-Avukati Dr. Joseph Brincat u Dr. Joseph M. Buttigieg, bħala membri parlamentari, jistgħux jippartroċinaw lill-appellanti, liema kwistjoni tifforma l-meritu ta' dan l-appell;

L-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li "l-każ kien, għadu u jibqa' wieħed ta' natura kriminali". Il-Qorti għarblet sewwa r-raġunijiet eruditi li wasslu l-ewwel Qorti għall-imsemmija konklużjoni kif ukoll is-sottomissjonijiet li għamlu l-partijiet interessati f'dan ir-rigward iżda ma tarax li tista' taqbel ma' l-imsemmija konklużjoni għal dawn ir-raġunijiet li joħorġu mill-istess Kostituzzjoni;

L-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, li taħtu ssir ir-riferenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jifforma parti minn artikolu, ċjoè l-artikolu 46, li għandu bħala *"marginal note"* l-kliem "twettiq ta' disposizzjonijiet protettivi", u jinsab taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni intitolat "Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu". Dan ifisser li l-istess artikolu 46(3) huwa intiż li jwettaq id-disposizzjonijiet protettivi tad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-invidiwu li jinsab fl-imsemmi Kapitolu IV

tal-Kostituzzjoni. Infatti jidher li l-imsemmi artikolu 46 jikkontempla żewġ metodi sabiex jiġu mwettqa l-imsemmija disposizzjonijiet protettivi – dak fejn il-persuna li tallega xi ksur ta' xi waħda mill-imsemmija disposizzjonijiet tipproċedi *marte proprio* għar-rimedju opportun (art. 46(*3*)(*2*) ) u *dak fejn* il-kwistjoni dwar il-ksur ta' l-*imsemmija disposizzjonijiet* tqum f'Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, f'*liema* każ il-Qorti għandha l-obbligu li tirriferiha lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (bħal ma ġara fil-każ preżenti) jekk ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja (art. 46(3) );

Issa kif fil-każ ta' proċeduri li jiġu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-art. 46(1)(2) ma hemmx u ma jistax ikun hemm dubju li dawn il-proċeduri huma ta' natura kostituzzjonali, hekk ukoll fil-każ ta' proċeduri li jmorru quddiem il-Qorti taħt l-art. 46(3) m'għandux ikun hemm dubju *li* huma *wkoll* ta' natura kostituzzjonali. Fiż-żewġ *każijiet* – *dak kontemplat* fl-art. 46(1)(2) u dak kontemplat fl-art. 46(3), l-iskop tal-Kostituzzjoni huwa l-istess – li jiġu mwettqa d-disposizzjonijiet protettivi kontemplati fil-Kapitolu IV u għalhekk in-natura tal-proċeduri tkun identika – ċjoè kostituzzjonali. Il-Qorti hi tal-fehma li tkun anomalija kieku kellha tirritjeni *li l*-proċeduri *taħt* l-art. 46(1)(2) huma ta' natura *kostituzzjonali mentri* dawk taħt l-art. 46(3) m'humiex, meta dawn għandhom l-istess skop, – ċjoè t-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi fuq imsemmija. Huwa ovvju li l-iskop tal-leġislatur fl-art. 46(3) kien li jilħaq l-istess skop li kellu f'moħħu fl-artikolu 46(1)(2) – ċjoè t-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi fuq imsemmija – u dana *billi* fiċ-ċirkostanzi hemm kontemplati jikkrea *proċedura apposita* għal dan l-iskop, – dik tar-riferenza;

Il-fatt li l-leġislatur fl-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni impona fuq il-Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali, l-obbligu li tirriferixxi l-kwistjoni lill-Prim'Awla fil-każ li ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja juri li hu ma riedx li dik il-Qorti tiddeċidi dik il-kwistjoni taħt il-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha iżda ried jassikura li tali kwistjoni tiġi deċiża mill-Prim'Awla bħal fil-każ ta' kwistjoni taħt l-art. 46(1)(2) billi hija ta' l-istess natura;

Konferma oħra li l-kwistjoni hekk riferita taħt l-art. 46(3) lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija ta' natura kostituzzjonali tinsab fl-art. 46(4) li jiddisponi li "kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond dan l-artikolu jkollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali". Dan l-artikolu qiegħed jirriferixxi bla ebda distinzjoni għall-proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, liema proċeduri jistgħu jkunu dawk li jinġiebu quddiemha taħt l-art. 46(1)(2) jew dawk li jiġu riferiti lilha taħt l-art. 46(3). Il-leġislatur mhux qed jagħmel ebda distinzjoni billi ż-żewġ proċeduri huma ta' l-istess natura – dik kostituzzjonali – u jagħtu l-istess dritt ta' appell lill-Qorti Kostituzzjonali;

Huwa ovvju li kieku l-proċeduri li jsiru fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in segwitu għal riferenza taħt l-art. 46(3) ma kinux ta' natura kostituzzjonali, il-leġislatur ma kienx jiddisponi li l-appell minnhom isir lill-Qorti Kostituzzjonali iżda l-appell kien isir bħal ma jsir fil-każ ta' kwalunkwe kawża oħra li ma tkunx kostituzzjonali;

Jista' jiżdied ukoll f'dan ir-rigward li skond l-artikoli 95(2)(ċ) l-Qorti Kostituzzjonali għandha ġurisdizzjoni biex tisma' appelli

minn deċiżjonijiet taħt l-art. 46(1)(2) u dawk minn deċiżjonijiet taħt l-art. 46(3) u dana billi dawk id-deċiżjonijiet huma ta' l-istess natura – kostituzzjonali – u l-imsemmija art. 46(1)(2) u 46(3) *għandhom l-istess skop – li jipproteġu d-drittijiet* u libertajiet fundamentali tal-bniedem kontemplati taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni;

Fl-aħħar nett, dejjem rigward dan il-pont, għandu jiġi osservat li dak li ngħad hawn fuq japplika *mutatis mutandis* fil-każ ta' riferenza li ssir lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1987 fejn jinsabu disposizzjonijiet simili għal dawk ta' l-artikolu 46 fuq ċitati;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 79 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12, Ediz. Riv. 1984), li qiegħed jiġi nvokat mill-appellant, jiddisponi fis-subartikolu (2) li membru tal-parlament ma jistax jeżerċita l-professjoni ta' Avukat f'xi Qorti tal-Ġustizzja f'Malta f'xi wieħed mill-każijiet ikkontemplati fis-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu. Dan is-subartikolu (3) jikkontempla ċerti każijiet ta' natura kriminali taħt il-paragrafi (b) u (ċ). Billi l-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija waslet għall-konklużjoni li l-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala konsegwenza ta' l-imsemmija riferenza ma humiex ta' natura kriminali imma ta' natura kostituzzjonali, isegwi li l-imsemmija paragrafi (b) u (ċ) ta' l-art. 79 ma jistgħux jiġu applikati fil-każ preżenti biex jeskludu l-imsemmija avukati, bħala membri parlamentari, mill-proċeduri preżenti in segwitu għar-riferenza;

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk l-imsemmija avukati jistgħux jiġu esklużi milli jippatroċinaw lill-akkużati fuq

imsemmija taħt il-paragrafu (a) ta' *l-art. 79(3). L-indaġini li* għandha issa tagħmel il-Qorti hija għalhekk, in vista tal-konklużjoni fuq minnha raġġunta, limitata għal din il-kwistjoni;

Ikkunsidrat:

L-art. 79(3)(a) kombinat ma' l-art. 79(2) jiddisponi li membru tal-parlament ma jistax jeżerċita l-professjoni ta' avukat f'xi Qorti ta' ġustizzja f'Malta *inter alia* f'kull proċediment li fih waħda mill-partijiet tkun Ministru, Kap ta' Dipartiment jew persuna oħra li tirrappreżenta l-Gvern jew tkun kummissjoni jew awtorità oħra mwaqqfa b'liġi jew bis-saħħa tagħha;

Il-Qorti, wara li ħasbitha fit-tul, ma tarax li l-imsemmi art. 79(3)(a) jista' jiġi invokat f'każ ta' proċeduri ta' natura kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħal ma huma dawk preżenti. L-akkużati Saviour Grech u Andrew Camilleri, li qabdu rispettivament bħala difensuri tagħhom fl-imsemmija proċeduri lill-Avukati Dr. Joseph Brincat u Dr. Joseph M. Buttigieg, it-tnejn membri parlamentari, għandhom dritt għal smigħ xieraq taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni. Veru li l-Kummissjoni Ewropeja tat interpretazzjoni pjuttost ristrettiva lill-kliem *"civil rights and obligations"* kontenuti fl-imsemmi art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema artikolu, flimkien ma' artikoli oħra, illum jifforma parti mil-liġi ta' Malta taħt l-Att XIV ta' l-1987, billi, kif irriteniet fil-kawża "Ringeisin *vs* Austria"; *"the French text reflected the intention of the authors more faithfully than the English one and according to the French legal terminology 'droit civil' refer to rights and oblivations under civil law as distinct from public law"* u li *"the term 'civil' in that context refers to the legal relations between individuals and other private subjects of law, as distinct from legal relations*

*between private subjects and public authorities"* (*Vide* Sieghart, *The International Law of Human Rights,* Ediz. 1983, paġ. 276). Eppure din il-Qorti, almenu għal dak li jirrigwarda l-istess kliem *"civil rights or obligations"* fl-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni hija propensa li tagħtihom u qiegħda tagħtihom, sinifikat aktar wiesa' fis-sens li jkopru anke drittijiet kostituzzjonali;

Kif jidher mill-Fawcett, *"The Application of the European Convention on Human Rights* (Ediz. 1987, paġ 134 u 135) fil-liġi Ingliża l-kliem *"civil rights"* huma mogħtija sinfikat aktar wiesa' u huma, fil-kliem tiegħu *"close to the rotunder 'civil liberties' "*. Il-Qorti ma tarax l-għala m'għandhiex issegwi din l-interpretazzjoni aktar ampja meħud in konsiderazzjoni l-fatt li d-dritt pubbliku Malti ġie influwenzat ħafna mid-dritt pubbliku Ingliż ġà minn qabel il-Kostituzzjoni attwali" (Pellegrini *vs* Abela *nomine,* 9 ta' Marzu, 1986 (Ara Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 1978, paġna 118) u li d-dritt pubbliku Ingliż jiġi wżat biex jikkolma l-lakuni fejn ma jipprovdix id-dritt pubbliku Malti. Infatti kif ġie osservat minn din il-Qorti fil-kawża Callus *vs* Pavia 7-7-1966: "Ġie ritenut drabi oħra mill-Qrati tagħna huwa għad-Dritt Pubbliku Ingliż li għandna nirrikorru fin-nuqqas ta' leġislazzjoni lokali" liema sentenza ċċitat ukoll is-sentenza fil-kawża Cassar Desain *vs* Forbes, Qorti ta' l-Appell, 7-1-1935 (Kollez. Dec. XXIX-I-43) fejn ingħad: *"Saving for any difference that may be due to diversity of place and circumstances and in the absence of any statutory provisions to the contrary, it is by the provisions of the Public Law of England that the relations and dealings between the Crown and its subjects are governed in Malta"* u kompliet tgħid li l-istess prinċipju ġie kemm-il darba adottat fi żminijiet preżenti;

Mhux hekk biss imma kif ġie osservat minn din il-Qorti

fil-kawża Misrahi *vs* Cassar 10-6-1966, l-imsemmija disposizzjoni ta' l-art. 39(2) hija intiża biex tassigura fil-kumpless tagħha l-osservanza, fi proċeduri dwar drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili, taż-żewġ prinċipji li fid-dottrina u ġurisprudenza Ingliża jitqiesu kompendjati fil-konċett ta' "ġustizzja naturali", jiġifieri "*nemo judex in causa propria*" li jimporta li l-ġudikant għandu jkun independenti u imparzjali u "*audi alteram partem*" li jimporta in ġenerali illi l-partijiet ikollhom smigħ xieraq u l-opportunità li jinstemgħu. L-imsemmija prinċipji ta' ġustizzja naturali huma ormai rikonoxxuti f'diversi sentenzi tagħna u jkun kontrosens u antiġuridiku li kieku kellhom jiġu rikonoxxuti biss f'każ ta' deċiżjonijiet rigwardanti drittijiet strettament ċivili u ma jiġux applikati f'deċiżjonijiet rigwardanti drittijiet kostituzzjonali;

Issa jekk l-imsemmija akkużati għandhom taħt l-art. 39(2) (kif il-Qorti qiegħda tirritjeni li għandhom) dritt għal smigħ xieraq fil-kawża riferita lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dan jimporta li għandhom dritt għall-rappreżentanza legali adegwata u effettiva, u dana anke wkoll sabiex jiġi osservat il-prinċipju kostituzzjonali ta' l-"*equality of arms*" li skond il-Fawcett, op.ċit.paġ. 154 "*is an expression of the rule 'audi alteram partem' and implies that each parity to the proceedings before a tribunal must be given a full opportunity to present his case, both on facts and in law, and to comment on the case presented by his opponent. This opportunity must be equal between the parties and limited only by the duty of the tribunal to prevent in any form an undue prolongation or delay of the proceedings. The Commission strives to observe the principle of the equality of arms in its own proceedings.....*" Jekk parti ma jkollhiex rappreżentanza legali adegwata u effettiva, ma jistax jingħad li qiegħda tiġi mogħtija "*a full opportunity*" biex tippreżenta l-każ tagħha u dana bi vjolazzjoni tal-prinċipju kostituzzjonali ta'

l-*"equality of arms"* li l-istess Kommissjoni Ewropeja ssegwi u tosserva fil-proċeduri quddiemha;

Issa hija ħaġa nota, u l-Qorti għalhekk tista' tieħu *"judicial notice"* tagħha, li n-numru ta' l-avukati li jipprattikaw fi proċessi kostituzzjonali huwa żgħir ħafna billi l-imsemmija kawżi jirrikjedu studju u speċjalizzazzjoni partikolari differenti minn fil-każ ta' kawżi oħra u l-Qorti hi għalhekk tal-fehma li kieku kellu jiġi ritenut li l-imsemmija żewġ avukati, membri parlamentari, ma jistgħux jippatroċinaw l-imsemmija akkużati, dawn jiġu pprivati minn dik ir-rappreżentanza legali adegwata u effettiva li għandhom dritt għaliha sabiex ikollhom smigħ xieraq u jgawdu dik l-*"Equality of arms"* li għalihom huma intitolati;

Għandu jiġi osservat f'dan ir-rigward li l-appellant qiegħed jissottometti (ara verbal tat-30 ta' Jannar, 1989) li l-kontroparti ma tistax tissolleva l-punt tal-*"parity* (ossija equality) of arms" billi r-riferenza magħmula lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija limitata għall-kwistjoni msemmija fid-deċiżjoni li għamlet dik ir-riferenza. Fil-fehma tal-|Qorti l-partijiet jistgħu jġibu 'l quddiem kwalunkwe argument legali li jsostni t-teżi tagħhom dwar il-kwistjoni quddiem il-Qorti u l-argument ta' l-*"equality of arms"* huwa appuntu wieħed mill-argumenti li l-appellati qegħdin jissottomettu in sostenn tat-teżi tagħhom li l-imsemmija avukati, membri parlamentari, jistgħu jippartroċinawhom f'dawn il-proċeduri. Għalhekk l-imsemmija sottomissjoni ta' l-appellant hija infondata;

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara li l-appellati jistgħu jissollevaw l-argument tal-*"parity* ossija *equality of arms"* in sostenn tas-sottomissjonijiet tagħhom, tiddeċidi billi tiċħad l-

appell fuq imsemmi magħmul mill-Kummissarju tal-Pulizija u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' April, 1988. L-ispejjeż ta' din it-tieni istanza, stante n-novità tal-kwistjoni, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti b'dan li l-ispejjeż tar-Reġistru jitħallsu mill-appellant. Il-Qorti tordna li l-atti tal-proċess jintbagħtu lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.